# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 212/2020**
**Appell Numru 213/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mark Anthony Cardona**
**Ryan Briffa**

Illum 14 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Mark Anthony Cardona**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 449277(M), u **Ryan Briffa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 169990(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Jannar 2019, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:45hrs minn ġewwa r-residenza bin-numru 30 u bl-isem Zardor li tinsab fi Triq l-Għargħar 1979, Qormi:

1. ikkommettew serq ta' flus u ġojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu tal-familja Sammut u/jew ta' xi persuna/i oħra;

2. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Anna Sammut kontra l-volonta' tagħha;

3. ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Sammut hekk skont kif iċċertifika Dr. Kauson MD miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Qormi;

4. ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saru reċidivi *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

**<u>Lil Ryan Briffa waħdu talli</u>**:

1. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.) fid-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 2017, li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti:

- filwaqt li lliberat lill-imputati mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom;

- wara li rat Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(e), 221(3)(b), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 274(c), 275, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-konfront ta' Ryan Briffa waħdu rat anke Artikoli 49, 50, 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

  sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u filwaqt li kkundannat lill-imputat Cardona għal seba' (7) snin priġunerija, ikkundannat lill-imputat Briffa għal seba' (7) snin u nofs priġunerija;

- fil-konfront tal-imputat Briffa waħdu, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' għaxart elf Euro (€10,000) hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi fit-13 ta' Novembru 2017 u rrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest imsemmi u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat Briffa;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħatja jħallsu l-ammont ta' elf, tmien mija u ħamsa u tmenin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,885.88) kull wieħed rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali;

- wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħatja jħallsu lura lil Anna Sammut is-somma ta' elf, tmien mija u tmien Euro (€1,808) rappreżentanti terz tal-flejjes li ġew misruqa b'dan li din l-ordni kellha l-istess forza u effett u kienet eżegwibbli bl-istess

mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputati u l-parte leża.

Rat ir-Rikors tal-appellant Ryan Briffa ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fejn **TIKKONFERMAHA** fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3), tal-ħames (5) imputazzjonijiet miġuba fil-konfront tiegħu u anke mill-akkuża [l-ewwel akkuża fil-konfront tiegħu biss] illi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu u **TILLIBERAH** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Mark Anthony Cardona ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fejn **TIKKONFERMAHA** fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fi-konfront tiegħu iżda **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u **TILLIBERAH** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dawn iż-żewġ appelli ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali u lill-konsulent legali tal-appellant Cardona jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, f'liema seduta wieħed mill-konsulenti legali tal-appellant Briffa għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ngħad quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar żewġ appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2020.

Illi għandu jingħad li l-kawża fl-ismijiet premessi nstemgħet u mxiet flimkien ma' kawża oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion** u ma' kawża oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Mifsud**. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat is-sentenzi fir-rigward ta' dawn il-kawżi appena msemmija u ta' dik li dwarha qed tingħata din is-sentenza fl-istess jum. Għal kull buon fini jingħad li fis-seduta miżmuma fl-4 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion** (Appell Numru 199/2020), din il-Qorti diversament laqgħet talba tal-Avukat Ġenerali sabiex l-appell mertu ta' dik il-kawża jinstema' flimkien maż-żewġ appelli mertu ta' din il-kawża (ossia dik kontra Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa).

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirriġwardaw serqa li saret fil-11 ta' Jannar 2019 fir-residenza bin-numru 30 bl-isem Zardor fi Triq il-Għargħar 1979, Qormi. F'din is-serqa skont il-parti leża Anna Sammut daqq il-bieb u x'ħin ħarġet biex tara ma sabet lil ħadd. Ftit iktar tard reġgħet daqqet il-qanpiena ta' barra u din id-darba meta ttawwlet sabet raġel li kien qed jippretendi li huwa tal-posta. Dan qalilha li kellha pakkett u x'ħin fetħet il-bieb dan imbuttaha ma' l-art waqt li daħlu żewġ irġiel oħra. Dejjem skont il-parti leża l-persuna li kien

qed jagħmilha ta' pustier għamlilha sikkina ma' għonqha u mminaċċja li joqtolha. Sadanittant wieħed mill-irġiel l-oħra żarma d-*decoder* tas-*CCTV camera* waqt li l-ieħor tela' fuq jisraq l-affarijiet. Jirrizulta li l-parti leża tħalliet minduda fuq it-taraġ u li sussegwentement sejħet l-għajnuna. Il-parti leża tgħid ukoll li xi ġranet qabel kien hemm *pick-up* li wasla ħdejha rrejżjat. Minn investigazzjonijiet li għamlet il-Pulizija rriżulta li fil-madwar kien hemm *CCTV cameras* oħra u minn dawn il-*cameras* wieħed seta' jara persuna tħabbat fuq il-bieb tal-parti leża, il-wasla tat-trakk tat-tip *pick-up* u d-dħul tal-aggressuri fid-dar tal-parti leża. Eventwalment iż-żewġ appellanti u persuni oħra tressqu l-Qorti u ġew akkużati b'numru ta' imputazzjonijiet.

Illi l-appelli taż-żewġ appellanti f'dan il-każ huma dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan**

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat b'dan illi hija ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa miż-żewġ appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellant Ryan Briffa (Vol. III – *a fol.* 721 *et seq.*)**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Ryan Briffa jilmenta li meta l-Ewwel Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, hija għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u l-provi mressqa quddiemha. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt issib ħtija fih. Huwa jagħmel riferenza għal ġurisprudenza dwar, fost l-oħrajn, il-livell ta' prova rikjest fil-kamp kriminali u dwar il-provi ċirkostanzjali. Jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qagħdet tqabbel l-istqarrija tiegħu ma' dik tal-appellant l-ieħor sabiex tixtarr u tevalwa l-kredibilita' tagħhom u ssib ħtija. Jisħaq li dak li jgħid ko-akkużat għandu jorbot lilu biss u ma għandux japplika għal ko-akkużat l-ieħor. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha titratta liż-żewġ imputati separatament f'dak li jirrigwarda l-provi u għalhekk kellha tiskarta l-istqarrija tal-appellant l-ieħor Mark Anthony Cardona.

Illi l-appellant Briffa jgħid li quddiem l-Ewwel Qorti l-parti leża Anna Sammut identifikat lil Patrick Mangion bħala dak li għamilha ta' pustier u fl-ebda mument ma identifikat lilu (lil Ryan Briffa) bħala persuna li kien preżenti waqt is-serqa. Jargumenta li mix-xiehda ta' Dr. Marisa Cassar li kienet ġiet inkarigata bħala espert fl-Inkjesta Maġisterjali hija tgħid li mill-analiżi tal-profil

---

**Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ġenetiku li ħareġ minn beritta griża rriżulta l-profil ġenetiku ta' Mangion u ta' persuna oħra li tiegħu ma kellhiex il-profil. Jisħaq li għal darba oħra huwa (Briffa) ma jiffigurax fil-provi. Rigward il-ħwejjeġ li ġew misjuba f'idejn l-appellanti, jgħid li minkejja li skont l-Ewwel Qorti dawn huma identiċi għall-ħwejjeġ li jidhru fil-filmati dan ma jistax iwassal għal konklużjoni li hu (Briffa) huwa ħati minħabba li dawn il-ħwejjeġ huma komuni ħafna. Jispjega li sabiex wieħed seta' jagħmel tali konstatazzjoni kellha issir analiżi fuqhom u jitqabblu ma' xi *prints* li ttieħdu mill-fond fejn seħħet is-serqa. L-appellant Briffa jilmenta wkoll dwar il-provi mressqa fir-rigward tal-*mobiles* u b'mod partikolari jilmenta li ċ-ċellulari ma ġewx eżebiti formalment. Jisħaq li dan il-fatt jieħu aktar importanza meta wieħed iqis li l-Uffiċjali Investigattivi jsemmu li kien hemm kuntatti kontinwi bejn l-appellant l-ieħor Cardona u Mangion. Jgħid li biex issir din il-prova kellhom jiġu eżebiti l-*mobiles* u li kellhom jitressqu s-*service providers*. Jgħid li kellha tinġieb evidenza dwar il-*coverage range* tas-*cell towers* rispettivi li jidhru fil-*localisation data* kif ukoll l-eqreb *cell tower* li jkopri d-dar derubata. Jirrileva li minn dan kollu l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova u jargumenta li l-iktar prova b'saħħitha illi bbażat fuqha l-Prosekuzzjoni rriżultat illi hija l-aktar waħda dgħajfa minħabba tali mankanzi. Jisħaq li tenut kont ta' dan kollu huwa kellu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti tibda billi tgħid li fil-prinċipju taqbel ma' dak li jgħid l-appellant Briffa dwar l-istqarrija u ċioè li dak li jintqal fl-istqarrija jorbot biss lill-persuna li tagħmel l-istqarrija u ma għandux jintuża kontra ko-akkużat ieħor. L-istess japplika għal provi. Għal kull buon fini jingħad li fl-ebda mument ma rriżulta lil din il-Qorti li l-Ewwel Qorti għamlet użu minn stqarrija ta' wieħed kontra l-ieħor. Apparti minn dan, din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak li jgħid l-appellant Briffa li l-provi tad-DNA ma jorbtuħx mal-post tar-reat.

Illi l-Ewwel Qorti waslet għall-ħtija tal-appellant Briffa primarjament minħabba l-*jogging pants* ta' kulur *blue* li jidher li qed

jilbes meta mar id-Detox fil-11 ta' Jannar 2019 filgħodu liema *jogging pants,* skont l-ewwel Qorti, jidhru li qed jintlibsu mill-aggressur fis-*CCTV footage* li juri lill-ħallelin deħlin u ħierġin mid-dar tal-parti leża.

Illi mill-*logs* tat-telefonati jirriżulta li l-appellant, Patrick Mangion u persuna oħra li allegatament ipparteċipat fis-serqa tkellmu ħames darbiet fil-11 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 643). Dan juri li bejn it-tnejn kien hemm kuntatt iżda dan waħdu fil-fehma ta' din il-Qorti ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-appellant Briffa pparteċipa fis-serqa.

Illi d-dubju li għandha din il-Qorti jirrigwarda element prinċipali tal-prova kontra l-appellant Briffa u ċioè l-ilbies simili li allegatament kienu qed jilbsu l-appellant u wieħed mill-ħallelin. Filwaqt li l-qalziet li kien liebes wieħed mill-aggressuri u l-qalziet li nstab id-dar tal-appellant jidhru simili dan waħdu ma jagħtix lil din il-Qorti s-serħan ir-ras li l-appellant Briffa kien involut fis-serqa u dana b'mod speċjali meta jiġi kkunsidrat li tali qalziet ma huwiex l-unika wieħed li jinbiegħ fis-suq Malti. Minbarra dan din il-Qorti rat bir-reqqa s-*CCTV* footage tal-11 ta' Jannar 2019 u tinnota li fir-ritratt tal-10.45 (*a fol.* 321) l-appellant kien liebes *running shoes* li jidher li huwa ta' kulur differenti minn dak tal-aggressur li jidher fil-filmat tas-serqa.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, b'mod partikolari minħabba li din il-Qorti hija tal-fehma li l-prova tal-ħwejjeġ ma hijiex biżżejjed sabiex tqis li l-appellant Briffa pparteċipa fis-serqa in kwistjoni lil hinn minn kull dubju raġonevoli, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-provi ċirkostanzjali f'dan il-każ huma wisq dgħajfa sabiex l-appellant Briffa jitpoġġa fuq il-lok fejn seħħet is-serqa.

Illi b'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova neċessarju sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-appellant Briffa kien wieħed minn dawk il-persuni li wettqu s-serqa.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:
>
> (a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),
>
> (b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),
>
> (ċ) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u
>
> (d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ronnie Azzopardi** (Numru 305/2016), fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "1. [...] Tajjeb li jkun osservat is-segwenti kif wisq drabi osservat minn din il-Qorti illi kwantu n-natura tal-prova indizzjarja l-Qrati tagħna jabbraċċjaw dik il-ġurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (*R vs. Taylor* 21 CRM App R21 ċitat f'**Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil** App. Krim. 6.5.1961 u

mħaddan fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Ellul Sullivan** App. Krim. 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi**" (**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun** App. Krim. 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**għalkemm il-provi indizzjarji jiġġeneraw ċertu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (**Il-Pulizija vs. Mark Dimech** App. Krim. 30.4.09). Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti għamlet rassenja ġurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali tagħna. Il-Qorti ċċitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tgħid jiġbor fih l-ingredjenti essenzjali għall-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbiha verament idonea meta jgħid:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* U hawn fejn tabilħaqq jista' jkun li l-Ewwel Qorti kienet konvinta mod ieħor meta qieset il-prova indizzjarja bħala ħolqa minn katina, għaliex tinkiser il-ħolqa jfisser li jaqgħu l-provi kollha, meta kien ikun aktar idoneu li jkun kontemplat l-eżempju tal-ħabel maljat kif deskritt *supra*.

2. Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti ġabret dan kollu f'paragrafu wieħed b'mod eċċezzjonali bis-segwenti bran:

*"Kwindi jidher ċar mill-każistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'.""*

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-

evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq appena ċitata japplika għal każ odjern u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fiha u dak li ngħad aktar qabel, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Briffa bil-konsegwenza li l-appell interpost minnu ser jiġi milqugħ. B'hekk l-appellant Briffa ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet li nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravju l-ieħor imressaq fir-Rikors tal-appell tal-appellant Briffa, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellant Mark Anthony Cardona (Vol. III – *a fol.* 749 *et seq.*)**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Mark Anthony Cardona jressaq argument simili jekk mhux identiku għal dak li ressaq l-appellant l-ieħor Briffa dwar l-istqarrijiet u jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tara l-provi li jorbtu miegħu (ma' Cardona). Jsemmi li fl-istqarrija mogħtija minnu huwa ċaħad kategorikament l-involviment tiegħu u jgħid li ma tantx imur Ħal-Qormi u li meta jmur huwa jara lill-ħabib tiegħu Wiġi li jiġi missier l-appellant l-ieħor. Jiċħad li jagħmilha mal-appellant l-ieħor. Ikompli jgħid li ma jiftakarx fejn kien dakinhar tas-serqa u jinnega li kien involut anke meta ġie muri ritratt li allegatament kien tiegħu. Jispjega li minkejja li kellu n-numru ta' Mangion u li ltaqa' miegħu darba, dan kien jimbuttah. L-appellant sa mill-ewwel mument innega l-involviment tiegħu u jgħid li l-parti leża kull ma identifikat huwa lil Mangion.

Illi bħall-appellant Briffa, l-appellant Cardona jressaq l-istess argument rigward dak konkluż mill-esperta Dr. Marisa Cassar u jisħaq li għalhekk lanqas mill-profil tad-DNA ma hemmx prova li huwa kien fuq is-sit tas-serqa. Huwa jressaq l-istess argument rigward in-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ħwejjeġ u fir-rigward tat-telefon ċellulari.

Illi din il-Qorti għalkemm fil-prinċipju taqbel mal-punt imqajjem mill-appellant Cardona li l-istqarrija ta' wieħed mill-imputati ma tistax tintuża kontra imputat ieħor, hija ma taqbilx ma l-allużjoni li jressaq l-appellant Cardona li l-Ewwel Qorti għamlet hekk sabiex tasal għal ħtija tiegħu. Tajjeb wieħed jara dak li qalet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata (*a fol.* 694 u 695) tagħti lista tal-provi kontra l-appellant Cardona. L-istqarrija ma tiffigurax f'dawn il-provi.

Illi dwar il-*mobiles*, din il-Qorti tinnota li *a fol.* 53 tal-proċess hemm riċevuta ta' *mobiles* eżebiti. Rigward il-fatt li l-informazzjoni dwar it-telefon ċellulari kellhom jitressqu r-rappreżentanti tas-soċjetajiet

in kwistjoni dan ma jnaqqas xejn minn dak li rrelata l-espert u għalhekk l-argument tal-appellant Cardona f'dan is-sens ser jiġi mwarrab.

Illi għalkemm mill-provi tad-DNA kull ma jirriżulta huwa li kien preżenti Patrick Mangion, wieħed ma jistax jinsa l-provi l-oħra li tressqu f'dan il-proċess.

Illi frankament din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju rigward l-involviment tal-appellant Mark Anthony Cardona fis-serqa li seħħet fil-11 ta' Jannar 2019. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li fis-*CCTV footage* jidher ċar wiċċ Mark Anthony Cardona minkejja li jilbes beritta u nuċċali.

Illi huwa minnu li fix-xiehda tagħha l-parti leża ssemmi lil Patrick Mangion iżda kif innutat ukoll l-Ewwel Qorti hija tagħti piż lill-fatt li Mangion kellu d-daqna dik il-ġurnata tax-xiehda. Iżda l-*footage* tal-*camera* huwa ċar. Meta dan jiġi magħdud mal-fatt li nstabu għand l-appellant Cardona ħwejjeġ u żarbun li jixbħu ħafna dawk użati waqt is-serqa flimkien mal-fatt li "kumbinazzjoni" l-*mobile* tal-appellant kien mitfi waqt is-serqa l-kwadru probatorju jidher ferm ċar u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant Cardona qed jiġi miċħud.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, bħall-appellant Briffa, l-appellant Cardona jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jitlob li din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta u jisħaq li fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti m'hemmx il-bilanċ neċessarju bejn l-element retributtiv u l-element riformattiv u jsostni li l-piena mogħtija fis-sentenza appellata hija waħda sproporzjonata u eċċessiva.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta'

Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li l-appellant Cardona nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-ewwel aggravju tal-appellant Cardona ġie miċħud. Din il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-piena erogata minnha fil-konfront tal-appellant Cardona b'mod partikolari dak li jingħad dwar il-fedina penali tiegħu b'dan illi din il-Qorti tinnota li mill-fedina penali aġġornata tiegħu li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-appellant Cardona ilu numru ta' snin ma jikser il-liġi.

Illi, apparti minn dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll tad-depożizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia (*a fol.* 819 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta u tas-*Social Inquiry Report* aġġornat (*a fol.* 824 *et seq.*) li ħejjiet fir-rigward tal-appellant Cardona fejn, fost l-oħrajn, hija kkonkludiet li s-sitwazzjoni tal-appellant Cardona fejn tidħol l-aspett tad-droga jidher li kienet tinstab pjuttost stabbli u jingħad li jidher li rnexxielu jżomm 'il bogħod mid-droga. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ser tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant Cardona u b'hekk ser tvarja l-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- <u>tilqa</u>' l-appell imressaq mill-appellant **Ryan Briffa** u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tiegħu billi:

  - tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Briffa ġie liberat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

  - tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Briffa ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- <u>tilqa' *in parte*</u> l-appell imressaq mill-appellant **Mark Anthony Cardona** u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tiegħu billi:

  - tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cardona ġie liberat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

  - tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cardona ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

  - tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant Cardona ġie ordnat iħallas l-ammont ta' elf, tmien mija u ħamsa u tmenin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,885.88) rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat lill-appellant Cardona jħallas lura lil Anna Sammut is-somma ta' elf, tmien mija u tmien Euro (€1,808) rappreżentanti terz tal-flejjes li ġew misruqa b'dan li din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejnu u l-parti leża;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cardona ġie kkundannat seba' (7) snin priġunerija u minflok tikkundannah ħames (5) snin priġunerija.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**